**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` April 2016**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 1182/13 JZM**

**Cecil Pace (I.D. 316030M) f`ismu u ghan-nom tas-socjeta` Finindustry Limited (C1155)**

***kontra***

**Raymond Gatt (I.D. 64659M) f`ismu proprju u bhala stralcjarju u in rapprezentanza ta` MGI Malta bhala Kontrollur tas-socjetajiet Finindustry Limited (C1155), Tigullio Limited (C1866) u Rockyvale Alpino (Malta) Limited (C1511)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-<u>11 ta` Dicembru 2013</u> li jaqra :–

*1. Illi l-esponent f`ismu proprju huwa azzjonista u direttur fis-socjeta` Finindustry Limited, li taghha u tas-socjeta` Tigullio Limited, Raymond Gatt f`ismu proprju huwa stralcjarju u MGI Malta kif rapprezentata minnu huma l-Kontrolluri.*

*2. Illi erba` mija u disgha u disghin (499) ishma fis-socjeta` Tigullio Limited, ilkoll ta` Lira (Lm1) kull wiehed (Euro 2.329373), gew trasferiti minn Alpino Restaurants Limited lis-socjeta` Finindustry Limited.*

*3. Illi sehem wiehed (1) fis-socjeta` Tigullio Limited ta` Lira (Lm1) (Euro 2.329373) gie trasferit minn Geoffrey Isaacs lill-esponent f`ismu proprju.*

*4. Illi erba` mija u hamsa u ghoxrin (425) ishma fis-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited, ilkoll ta` Lira (Lm1) kull wiehed (Euro 2.329373), gew trasferiti minn Alpino Restaurants Limited lis-socjeta` Finindustry Limited.*

*5. Illi hamsa u ghoxrin (25) ishma ohra kull wiehed tas-socjeta` C.P.L. Developments Limited, Spinola Holdings Limited u Gerald Charles fis-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited, ilkoll ta` Lira (Lm1) kull wiehed (Euro 2.329373) ilkoll gew trasferiti lis-socjeta` Finindustry Limited li ttrasferiet sehem wiehed (1) lill-esponent.*

*6. Illi l-esponent talab kemm-il darba lill-istralcjarju u lill-Kontrollur tas-socjetajiet imsemmija Tigullio Limited u Rockyvale Alpino (Malta) Limited, fosthom MGI Malta, kif rapprezentat minn Raymond Gatt, li huwa wkoll l-istralcjarju, sabiex jirregistraw mal-Malta Financial Services Authority it-trasferiment ta` dawn l-ishma, (499) f`isem Finindustry Limited u sehem wiehed (1) f`isem l-esponent personalment, fiz-zewg socjetajiet fuq imsemmija, izda dan baqa` inadempjenti, bi ksur tal-Commercial Partnerships Ordinance (Kap. 168) u tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386).*

*7. Illi l-kontrollur precedenti tas-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited, Emanuel A. Bonello kien diga` ddikjara ufficjalment li l-azzjonisti ta` din is-socjeta` huma Finindustry Limited (499) ishma u Cecil F. Pace sehem wiehed (1), fl-Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited ghall-perijodu bejn 25 ta` Novembru 1972 sa 31 ta` Lulju 1988.*

*8. Illi t-trasferimenti ta` dawn l-ishma fuq imsemmija kienu diga` gew irregistrati mill-Company Secretary Dr Manoel Mizzi fir-registru tas-socjetajiet*

*Tigullio Limited u Rockyvale Alpino (Malta) Limited u kien hareg ix-Share Certificates relattivi.*

*9. Illi l-intimat Raymond Gatt f`ismu proprju u bhala stralcjarju, u in rapprezentanza ta` MGI Malta, bhala kontrollur tas-socjeta` Finindustry Limited, mitlubin kemm-il darba mill-esponent sabiex jipprotegu l-interessi tas-socjeta` Finindustry Limited, minnhom rapprezentata, naqsu li jaghmlu dan, bi pregudizzju kbir tar-rikorrent u tas-socjeta` Finindustry Limited, bi ksur tal-obbligi taghhom u tal-ligi nkluz l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, b`dan l-agir oppressiv u llegali u b`qerq fuq l-azzjonisti u diretturi tas-socjeta` Finindustry Limited, li m`ghandhomx ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta`, sabiex jistitwixxu proceduri legali u gudizzjarji ghan-nom tas-socjeta` Finindustry Limited biex jipprotegu l-interessi tas-socjeta` billi dina hija vestita f`isem l-intimat proprio et nomine, bhala stralcjarju u kontrollur.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, jghidu ghalhekk il-konvenuti proprio et nomine ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :-*

*1. Tawtorizza lir-rikorrent bhala azzjonista u direttur tas-socjeta` Finindustry Limited sabiex jagixxi f`ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta` sabiex jipprotegi l-interessi tas-socjeta` kontra l-istralcjarju u kontrolluri tas-socjetajiet Tigullio Limited u Rockyvale Alpino (Malta) Limited sabiex jigu rregistrati mall-Malta Financial Services Authority l-ishma tas-socjeta` Finindustry Limited f`dawn iz-zewg kumpanniji.*

*2. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta` Finindustry Limited ghandha erba` mija disgha u disghin (499) ishma fis-socjeta` Tigullio Limited u erba` mija disgha u disghin (499) ishma fis-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited, u Cecil Pace ghandu sehem wiehed (1) kemm fis-socjeta` Tigullio Limited kif ukoll fis-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited.*

*3. Tordna lill-konvenut Raymond Gatt f`ismu proprju u bhala stralcjarju u in rapprezentanza ta` MGI Malta bhala kontrolluri tas-socjetajiet fuq imsemmija Tigullio Limited u Rockyvale Alpino (Malta) Limited rispettivament sabiex jirregistraw minnufih mall-Malta Financial Services Authority it-trasferiment ta` erba` mija u disgha u disghin (499) ishma mis-socjeta` Alpino Restaurants Limited lis-socjeta` Finindustry Limited fis-socjeta` Tigullio Limited u t-trasferiment ta` erba` mija hamsa u ghoxrin (425) ishma mis-socjeta` Alpino Restaurants Limited, hamsa u ghoxrin (25) ishma mis-socjeta` C.P.L. Developments Limited, hamsa u ghoxrin (25) ishma mis-socjeta` Spinola Holdings Limited, hamsa u ghoxrin (25) ishma minn Gerald Charles lis-socjeta` Finindustry Limited, fis-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited kollha ta` Lira (Lm1) kull wiehed (Euro 2.329373) u sehem wiehed (1) f`isem l-esponent*

*li gie trasferit lilu mis-socjeta` Finindustry Limited fis-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited, minbarra sehem wiehed (1) f`isem l-esponent li gie trasferit lilu minn Geoffrey Isaacs fis-socjeta` Tigullio Limited.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati proprio et nomine li jibqghu ngunti minn issa biex jidhru in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Jannar 2014 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh;

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-7 ta` Frar 2014 li taqra hekk –

*Illi l-azzjonisti tas-socjeta` huma gia` registrati prattikament skont kif pretiz mir-rikorrenti u ma hemm xejn utili li l-intimat jista` jaghmel fir-rigward u t-talbiet tieghu huma merament inutili u bla bzonn u ntizi purament biex jivvessaw billi ma ghandhom l-ebda skop utili. Illi kif jirrizulta mir-rapport ta` Emanuel Bonello meta kien kontrollur tal-istess socjeta` l-azzjonisti registrati fil-kotba ta` din is-socjeta` huma kif ser jigi hawn isfel deskritt :*

***Tigullio Limited***

*499 sehem appartenenti lil Alpino Restaurants Limited*
*1 sehem appartenenti lil Geoffrey Isaacs*
*(ara folio 113 tal-interim report hawn esebit)*

***Rockyvale Alpino (Malta) Limited***

*499 sehem appartenenti lil Finindustry Limited*
*1 sehem appartenenti lil Cecil Pace*
*(ara folio 102 tal-interim report hawn esebit)*

*Dawn gia` jinsabu registrati fil-kotba tal-kumpannija b`dan il-mod kif jirrizulta mir-rapport tal-kontrollur precedenti s-Sur Emanuel A. Bonello u ma hemm l-ebda registrazzjoni ohra li ghandha ssir. Fil-fatt l-awtorita` finanzjarja tinsab infurmata b`dan l-istat ta` affarijiet u giet hekk infurmata mill-intimat. Illi taht il-Partnerships Ordinance li ghadha l-ligi li tirrigwarda s-socjetajiet fuq*

*imsemmija r-registrazzjoni tal-ishma u tal-persuni titolati ghalihom tinzamm mis-socjeta` innifisha fil-kotba tal-kumpannija u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma avvanzati fuq bazi skorretta tal-ligi li topera fir-rigward billi mar-registrazzjoni ta` trasferiment ta` sehem f`kumpannija ma` socjeta` dik ir-registrazzjoni tkun perfetta u ma hemm l-ebda bzonn ta` xejn izjed fil-ligi. Illi ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` Tigullio Limited ir-rikorrent irid igib il-prova tat-trasferimenti minnu allegati biex tkun tista` ssir registrazzjoni ulterjuri fil-kotba tas-socjeta` imma mhux mal-awtorita`. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda;*

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-fatti dikjarati l-esponenti jghid is-segwenti :*

*1. Il-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors mhux kontestati ;*

*2. Il-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tar-rikors jridu jigu ppruvati mir-rikorrent bil-produzzjoni tal-kitba ta` trasferimenti ;*

*3. Il-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tar-rikors jridu jigu pruvati bil-produzzjoni tad-dokument ta` trasferiment ;*

*4. Il-fatti kif dikjarati fir-raba` u hames paragrafu tar-rikors mhux maghrufa lill-intimat u imma ma hemmx bzonn li jigu minnu ppruvati ghaliex skont ir-rapport l-appartenenza tal-ishma f`din is-socjeta` huma kif pretizi mill-istess rikorrent ;*

*5. Il-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu tar-rikors mhux kontestati imma jigi rilevat li l-intimat dejjem spjega lir-rikorrent li skont il-ligi, cioe` l-Partnerships Ordinane, ir-registrazzjoni kellha ssir fil-kotba tas-socjeta` u din kienet gia` saret u ma kien hemm xejn aktar li seta` legalment isir ;*

*6. Il-fatti kif dikjarati fis-seba` paragrafu tar-rikors huwa minnu u ghalhekk din l-azzjoni hija partikolarment inutili, u bla bzonn ;*

*7. Il-fatti kif dikjarati fit-tmien paragrafu tar-rikors mhux kontestati imma minn dan ghandu jirrizulta l-inutilita` ta` din l-azzjoni ;*

*8. Il-fatti kif dikjarati fid-disa` paragrafu tar-rikors huma kontestati billi l-esponent ghamel dak kollu mistenni minnu skont il-ligi biex jipprotegi l-interessi tas-socjetajiet minnu rapprezentati.*

*Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda, u l-elenku ta` dokumenti li pprezenta l-konvenut mar-risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda tal-attur u tal-Av. Dr. Malcolm Pace fl-udjenza tal-15 ta` Mejju 2014.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Caruana u tal-konvenut fl-udjenza tad-19 ta` Gunju 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2014.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

## II. Sintesi tal-provi

**L-attur** xehed illi skont id-dikjarazzjoni tal-Awtorita` dwar is-Servizzi Finanzjarji ta` Malta ("**MFSA**") il-konvenut huwa l-likwidatar ta` Finidustry Limited, waqt li l-azzjonisti huma hu (1250 sehem) Victor Grech (1250 sehem) u l-BICAL (sehem wiehed). Skont id-dikjarazzjoni tal-MFSA, jirrizulta li Alpino Restaurant Limited ghandha 499 Ordinary Shares u Jeffrey Isaacs ghandu sehem wiehed. Qabel Raymond Gatt, il-kontrollur kien Emanuel Bonello.

Qal illi skont is-*share certificate* ta` Tigullio Limited, jidher illi Finidustry Limited tippossjedi 499 sehem fil-kumpannija. Il-kalligrafija fuq ic-certifikat hija ta` l-Av. Dr. Manoel Mizzi, filwaqt li jidhru l-firem ta` huh Henry li kien socju mieghu u l-firma tal-istess Dr Mizzi li kien *company secretary.* Id-diretturi ta` Finidustry Limited kienu wliedu Malcolm u Christine Pace. Fil-bidu li Tigullio Limited kienet kostitwita, Alpino Restaurants Limited kienet tippossjedi 499 sehem filwaqt li Jeffrey Isaacs kellu sehem wiehed.

Fisser illi l-kontrollur Emanuel Bonello kien ipprepara *interim report* fejn fir-rigward ta` Rockyvale Alpino Malta Limited kien nizzel illi Finindustry Limited kellha 499 *shares* u hu kellu sehem wiehed. Id-dokument tal-MFSA ghadu jaqra li Rockyvale Alpino Malta Limited kienet kostitwita b`425 *ordinary shares* fl-isem ta` CPL Developments Limited, 25 *shares* fl-isem ta` Spinola Holdings Limited, 25 *shares* fl-isem ta` Gerald Charles u *special share* wiehed fl-isem ta` BICAL. Spjega li dan is-*share* kien inhareg sabiex il-kontrollur jkollu l-kontroll tal-kumpannija. Skont is-*share certificate* ta` Rockyvale Alpino Malta

Limited jirrizulta li Finindustry Limited ghandha 499 shares u hu ghandu sehem wiehed, waqt li d-direttri huma Malcolm Pace, Christine Pace, Joseph Agius u Carmelo Mifsud Bonnici. Dawn ta` l-ahhar kienu appuntati fi zmien meta sar il-kontrollur.

L-attur ipprezenta l-kuntratt dwar it-trasferiment tal-ishma lil Silvano Sacchi u lil Tigullio Limited. In segwitu huwa akkwista l-ishma.

Qal illi huwa kemm –il darba talab lil Raymond Gatt bhala kontrollur ta` i Finidustry Limited sabiex jirregistra l-ishma f`ismu izda baqa` bla risposta minghandu. Insista li s-*share transfer* mhuwiex registrat.

Fil-**kontroezami**, l-attur cahad illi l-kontrollur qatt qallu li ladarba t-trasferiment ta` l-ishma kien diga registrat fil-kotba tal-kumpannija, ma kienx hemm xejn aktar xi jsir.

**L-Av. Dr. Malcolm Pace** xehed li qabel ma ghalaq il-BICAL, huwa u ohtu kienu gew appuntati diretturi ma` ohrajn ta` Tigullio Limited. Din kienet *holding company* li kellha s-subenfitewsi ta` art li fuqha kien hemm mibni it-Tigullio Restaurant u Nightclub. Huwa kien appuntat ukoll direttur flimkien ma` ohtu ta` l-*operating company* bl-isem ta` Rockyvale Alpino Malta Limited li kienet tiggestixxi n-negozju tan-*nightclub* u tar-ristorant. Qabel kien hemm diretturi ohrajn fosthom l-attur missieru, iz-ziju tieghu Henry Pace, Albert von Brockdorff ta` A & V von Brockdorff Travel Limited u Joseph Zarb Mizzi li ghamel zmien jokkupa l-kariga ta` General Manager tal-Lukanda Phoenicia. Ghamel sena / sena u nofs imur kuljum it-Tigullio sabiex jivverifika l-bejgh. Meta ghalaq il-BICAL, il-kontrolluri talab lil missieru u liz-ziju sabiex jiffirmaw awtorizzazzjoni halli l-Bank jkollu *Special A share* ta` lira li biha l-kontroll effettiv tal-kumpannija sar tal-kontrollur.

Spjega illi Banking Act 1970 seta` jinhatar ukoll kontrollur fi kwalsiasi kumpannija li ghandha xi dejn mal-bank u kien ghalhekk li l-kontroll ta` dawn il-kumpanniji ghadda ghand il-kontrollur.

Qal illi l-kumpanniji li semma kellhom *overdraft* mal-BICAL. Silvano Sacchi , Jeffrey Isaacs u John Lowell ma dehru mkien u l-ftehim sabiex jindahal il-kontrollur kien iffirmat minn missieru u z-ziju tieghu.

Fisser illi fir-rapport tal-kontrollur Emanuel Bonello, jidher li fir-Rockyvale Alpino (Malta) Limited, hemm 499 *shares* ta` Finindustry Limited u

sehem wiehed ta` Cecil Pace. Mal-MFSA, ghadhom jidhru l-azzjonisti originali minkejja t-trasferiment li sar.

Ighid illi huwa kellem lill-kontrollur dwar din il-kwistjoni izda baqa` bla rissposta. Ghalhekk saret din il-kawza.

**<u>Joseph Caruana</u>** – Registratur tal-Kumpanniji – xehed illi skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li jkun sar trasferiment ta` ishma ta` kumpannija, trid issir registrazzjoni tat-trasferiment fil-kotba tal-kumpannija. B`dan it-trasferiment ghandu jkun avzat ir-Registratur tal-Kumpanniji fi zmien erbatax -il jum bil-presentata tal-Form T.

Stqarr illi skont il-Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta, is-*share transfer* kellu jigi registrat fil-kotba tal-kumpannija izda ma kienx hemm ir-rekwizit tan-notifika lir-Registratur.

Qal illi r-Registratur kien isir jaf bit-trasferiment tal-ishma fl-*annual return* li fiha suppost kellu jirrizulta kull caqlieq. Ir-responsabbilita` ghar-registru tas-*shareholders* hija tal-kumpannija u mhux tal-MFSA.

Qal ukoll illi l-obbligu li ssir l-*annual return* kien vigenti kemm taht il-Commercial Partnerships Ordinance kif ukoll taht il-Commercial Partnerships Ordinance.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi l-*company secretary* johrog *share certificate* li juri li *shareholder* ghandu ammont ta` ishma. Mir-rapport tal-kontrollur Emanuel Bonello, jirrizulta li kien riskontrat *share transfer* li sehh fis-socjeta` Tigullio Limited. Qal illi meta l-attur intalab jaghti d-dokumenti li jsostnu r-rapport tal-kontrollur Bonello, l-attur ma ressaq l-ebda dokumenti. Qal illi huwa ma kienx muri s-*share certificate* mill-persuni li allegatament kien trasferiti ishma ghal isimhom. Bhala procedura, *share transfer document* ghandu jkollu l-prova tal-hlas tal-boll ; imbaghad dan ighaddi ghand il-*company secretary* li johrog is-*share certificate.* Dan imbaghad jigi rifless fir-registru tal-kumpannija. Qal illi fil-kawza tal-lum kull ma kien ipprezentat mill-attur kien is-*share certificate* li huwa datat sentejn qabel dak li kien rilevat mill-kontrollur Bonello. Dak ic-certifikat kien mahrug mill-Av. Dr. Manoel Mizzi, flimkien ma` l-attur u huh Henry Pace.

## III. <u>Risultanzi</u>

Ghal dak li jirrigwarda registrazzjoni ta` trasferiment ta` ishma, ghandha ssir referenza fil-kaz tal-lum ghall-**Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta**. Dan qed jinghad peress li rrizulta li s-socjetajiet involuti u cioe` Finindustry Limited, Tigullio Limited u Rockyvale Alpino (Malta) Limited huma socjetajiet taht kontroll.

Skond l-**Art 431(1)(d) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta** :

*Socjeta kummercjali li fl-1 ta` Marzu, 1998, tkun attiv kontrollat kif imfissra fl-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta` Stralc), ghandha tkompli tigi regolata bl-Ordinanza sa sitt xhur wara li dik is- socjetà kummercjali tkun waqfet milli tkun attiv kontrollat skont dak l-Att; u d-disposizzjonjiet tal- artikolu 428 ghandhom ikunu applikaw ghal dik il-kumpannija kontrollata bhallikieku riferenza li hemm ghat-28 ta` Frar, 1998, kienet riferenza ghall-ahhar jum tal-perijodu ta` sitt xhur wara li s-socjetà kummercjali tkun temmet milli tkun attiv kontrollat, u riferenza ghall-1 ta` Marzu, 1998 kienet riferenza ghall-ewwel jum li jigi minnufih wara dak il-perijodu, u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (16) tal-imsemmi artikolu 428 ikunu biss japplikaw wara l-31 ta` Dicembru tas-sena li fiha jkun skada dak il-perijodu ta` sitt xhur.*

**Ghalhekk ladarba jirrizulta li s-socjetajiet ghadhom sal-lum taht kontroll, huwa l-Kap 168 tal-Ligijiet ta` Malta li jopera fir-rigward taghhom.**

Dan premess, l-**Art 104 tal-Kap 168** ighid :-

*Fuq talba ta` min jittrasferixxi xi azzjoni jew obbligazzjoni ta` kumpannija, il-kumpannija ghandha tnizzel fuq ir-registru taghha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skont il-kaz, l-isem tal-persuna li jkun sar lilha t-trasferiment bl-istess mod u suggett ghall-istess kondizzjonijiet bhallikieku t-talba ghar-registrazzjoni tkun saret minn min ikun sar lilu t-trasferiment.*

L-**Art 105 tal-Kap 168** ighid :-

*(1) Kull kumpannija, fi zmien xahrejn wara l-ghoti ta` xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet taghha u fi zmien xahrejn wara d-data li fiha t-trasferiment ta` dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikun gie prezentat lill-kumpannija, u fi zmien xahar mid-data li fiha xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet bhal dawk trasmessi causa mortis ikunu gew registrati fl-isem tal-persuna li jkollha dritt tkun registrata bhala d-detentrici taghhom, ghandha tikkonsenja c-certifikati tal-azzjonijiet kollha, l-obbligazzjonijiet u c-certifikati ta` kull stock ta` obbligazzjonijiet moghtija, trasferiti jew trasmessi causa mortis lill-persuni li*

*jkollhom jedd ghalihom, jekk il-kondizzjonijiet tal-hrug tal-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ma jahsbux xort`ohra.*

*(2) Il-kelma "trasferiment" ghall-finijiet ta` dan l-artikolu tfisser trasferiment bollat kif imiss u xort`ohra validu, u ma tinkludix dak it-trasferiment li l-kumpannija ghal xi raguni jkollha dritt li tichad li tirregistra u li ma tirregistrax.*

*(3) F`kaz ta` nuqqas ta` tharis ta` xi wahda mid-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu, kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas ikun jista` jehel penali ta` mhux izjed minn erba` euro u sitta u sittin centezmu (4.66) ghal kull gurnata sakemm idum in-nuqqas."*

Imbaghad fl-**Art 107 tal-Kap 168** jinghad :-

*Kull kumpannija ghandha zzomm registru tal-membri taghha u tnizzel fih il-partikolaritajiet li gejjin :*

*(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri u dikjarazzjoni tal-azzjonijiet li jkollu kull membru li turi kull azzjoni bin-numru taghha, meta l-azzjoni jkollha numru, u tal-ammont imhallas jew miftiehem li jigi meqjus bhala mhallas fuq l-azzjonijiet ta` kull membru ;*

*(b) id-data li fiha kull persuna tkun tnizzlet fir-registru bhala membru ;*

*u*

*(c) id-data li fiha xi persuna ma tkunx baqghet membru :*

*Izda mal-hrug ta` warrant dwar azzjonijiet il-kumpannija ghandha thassar mir-registru taghha tal-membri l-isem tal-membru li allura jitnizzel fih bhala d-detentur tal-azzjonijiet imsemmija fil-warrant u tnizzel, minflok il-htigijiet imsemmija, il-partikolaritajiet li gejjin :*

*(i) il-fatt tal-hrug tal-warrant ;*

*(ii) dikjarazzjoni dwar l-azzjonijiet inkluzi fil-warrant, li turi kull azzjoni bin-numru taghha, meta l-azzjoni jkollha numru ; u*

*(iii) id-data tal-hrug tal-warrant :*

*Izda wkoll meta l-kumpannija tkun biddlet xi azzjonijiet taghha fi stock u tkun irregistrat it-tibdil mar-Registratur kif hemm mahsub fl-artikolu 77(2), ir-registru ghandu juri l-ammont tal-istock mizmum minn kull membru minflok l-ammont ta` azzjonijiet u l-partikolaritajiet dwar azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a).*

*(2) Ir-registru tal-membri ghandu jinzamm fl-ufficcju registrat tal-kumpannija.*

*(3) F`nuqqas ta` tharis ta` xi wahda mill-htigijiet ta` dan l-artikolu, kull ufficjal tal-kumpannija li jkun fin-nuqqas jista` jehel penali ta` mhux izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).*

Tajjeb li jsir tixbieh ma` dak li jipprovdi l-**<u>Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta</u>** billi jirrizulta li l-obbligi huma diversi.

**<u>Art 119</u>** ighid :-

*(1) Fuq talba ta` min jittrasferixxi jew li lilu tkun trasferita xi azzjoni jew obbligazzjoni ta` kumpannija l-kumpannija ghandha tnizzel fuq ir-registru taghha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skont il-kaz, l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment u meta t-talba ssir minn min jaghmel it-trasferiment ir-registrazzjoni ghandha ssir bl-istess mod u suggetta ghall-istess kondizzjonijiet daqslikieku t-talba gharregistrazzjoni saret mill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment.*

*(2) Jekk kumpannija tirrifjuta li tirregistra trasferiment ta` azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, din ghandha, fi zmien xahrejn mid-data li fiha jkun ipprezentat it-trasferiment, tibghat avviz ta` rifjut lill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment.*

*(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolamenti li jinsabu f`Taqsima I tal-Ewwel Skeda u minkejja dak kollu li hemm filmemorandum jew statut ta` kumpannija pubblika, id-diretturi ta` kumpannija pubblika ghandhom l-obbligu li jirregistraw ittrasferiment ta` kull azzjonijiet fil-kumpannija favur kull persuna li tkun akkwistat dawk l-azzjonijiet b`rizultat tal-bejgh bis-subbasta taghhom.*

*(4) Fuq it-talba tal-persuna li lilha l-jedd ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta` kumpannija jkun gie trasmess causa mortis, ilkumpannija ghandha tirregistra fir-registru taghha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skont il-kaz, l-isem u l-indirizz ta` dik il-persuna.*

*(5) Jekk kumpannija tirrifjuta li tirregistra trasmissjoni kif imsemmi fis-subartikolu (4), din ghandha, fi zmien xahrejn middata li fiha tkun ipprezentata it-trasmissjoni, tibghat avviz ta` rifjut lill-persuna li lilha l-jedd ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta` kumpannija jkun gie trasmess causa mortis.*

*(6) Fin-nuqqas tat-tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (5), kull ufficjal tal-kumpannija li jonqos, jehel penali, u ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra.*

**L-Art 120** ighid :-

*(1) Kull kumpannija, fi zmien xahrejn wara l-ghoti ta` xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet taghha u fi zmien xahrejn wara d-data li fiha t-trasferiment ta` dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikun gie registrat mal-kumpannija, u fi zmien xahar mid-data li fiha xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet bhal dawk trasmessi causa mortis ikunu gew registrati fl-isem talpersuna li jkollha dritt tkun registrata bhala d-detentrici taghhom, ghandha tikkonsenja c-certifikati tal-azzjonijiet, obbligazzjonijiet jew stock ta` obbligazzjonijiet kollha moghtija, trasferiti jew trasmessi causa mortis lill-persuni li jkollhom jedd ghalihom, jekk il-kondizzjonijiet tal-hrug tal-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ma jipprovdux xort`ohra.*

*(2) Il-kelma "trasferiment" ghall-finijiet ta` dan l-artikolu tfisser trasferiment li fuqu jkun thallas id-dazju dovut, jekk ikun hemm, u hu xort`ohra validu, u ma tinkludix dak it-trasferiment li lkumpannija ghal xi raguni jkollha dritt li tichad li tirregistra u li ma tirregistrax.*

*(3) Fil-kaz ta` trasferiment jew trasmissjoni causa mortis ta` azzjonijiet il-kumpannija ghandha fi zmien erbatax-il jum mid-data li fiha t-trasferiment ta` xi azzjonijiet bhal dawk ikun registrat malkumpannija, u fi zmien xahar mid-data li fiha t-trasmissjoni causa mortis ta` xi azzjonijiet bhal dawk tkun registrata f`isem il-persuna li jkollha l-jedd li tkun registrata bhala d-detentur taghhom, tikkonsenja lir-Registratur ghar-registrazzjoni avviz tattrasferiment jew tat-trasmissjoni causa mortis fejn taghti l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li lilhom ikun sar it-trasferiment jew lismijiet u l-indirizzi tal-persuni li jkollhom il-jedd ghall-azzjonijiet trasmessi causa mortis, skont il-kaz :*

*Izda fil-kaz ta` kumpanniji pubblici li jkollhom l-azzjonijiet taghhom li jkunu gew accettati fl-elenku ta` suq regolat jew f` suq ekwivalenti fi Stat mhux Membru jew Stat mhux ZEE, il-konsenja lir-Registratur ghandha ssehh fi zmien disghin gurnata wara d-data li fiha t-trasferiment ta` xi azzjonijiet bhal dawk tkun registrata mal-kumpannija, u fi zmien disghin gurnata mid-data li fiha ttrasmissjoni causa mortis ta` xi azzjonijiet bhal dawk tkun giet registrata f`isem il-persuna li jkollha l-jedd li tkun registrata bhala d-detentur taghhom.*

*(4) Fin-nuqqas tat-tharis ta` xi wahda mid-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu, kull ufficjal tal-kumpannija li jonqos jista` jehel penali, u ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra.*

Fil-"**Principles of Maltese Company Law**" **Andrew Muscat** ighid hekk dwar in-notifika lir-Registratur tal-Kumpanniji tan-notifika ta` *share transfer* :

*In the case of a transfer or of a transmission causa mortis of shares, the company is obliged, within fourteen days after the date on which a transfer of any such shares is registered with the company, and within one month from the date on which any such shares transmitted causa mortis have been registered in the name of the person entitled to be registered as the holder thereof, to deliver to the Registrar for registration a notice of the transfer or the transmission causa mortis stating the names and addresses of the transferees or the names and addresses of the persons entitled to the shares transmitted causa mortis, as the case may be.* **(pg 497-498)**

Imbaghad ikompli fil-**pag 816** illi : *A specimen form of notice oftransfer or transmission of shares (known as Form T) has been published by the Registrar.*

Dan premess, il-Qorti tirrileva illi mill-**Art 120(3) tal-Kap 386** jidher li l-htiega ta` notifika ta` trasferiment ta` ishma lir-Registratur li huwa vigenti llum ma kienx jezisti fil-kaz tal-Kap 168 in partikolari fl-Art 105.

**Ghalhekk fil-kaz tal-lum, ma hemm l-ebda obbligu illi r-Registratur jigi notifikat bit-trasferiment ta` l-ishma bhalma huwa rekwizit illum il-gurnata.**

Dan isostni x-xiehda li nghatat minn Joseph Caruana (Registratur tal-Kumpanniji).

Kien propju ghalhekk li l-konvenut ghamel is-sottomissjonijiet li ghamel fl-udjenza fejn saret it-trattazzjoni finali.

**Din il-Qorti tghid illi kemm l-ewwel kif ukoll it-tielet talba kif dedotti huma nfondati fid-dritt, ghaliex dawk it-talbiet kienu ntizi sabiex it-trasferiment ta` ishma jkun registrat mal-MFSA. Irrizulta li n-notifika lir-Registratur ma kenitx rekwiziti mill-Kap 168 li kienet il-ligi applikabbli ghal dan il-kaz.**

Din il-Qorti ssib li dak essenzjali huwa li jinzamm *register of members* sabiex jitnizzel u jkun ikkonservat min huma s-*shareholders.*

Dan ighodd ukoll fil-kuntest tal-Kap 386.

Ighid **Andrew Muscat** fil-pag 813 u 816 ta` l-ktieb tieghu (op. cit.) :

*Whenever a share transfer takes place, the name and address of the transferee should, on the application of the transferor or of the transferee, be enterd in the register of the members (Art 119(1) Companies Act) ...*

*A person can only be recognised as a shareholder, at least for the purposes of the Companies Act, if his name is entered into the register of members. This rule results from Article 2(1) of the Act which inter alia defines a shareholder, as "a person entered in the register of members of a company..."*

*Moreover, articles of association often provide that the transferor of a share is to be deemed to remain a holder of the share until the name of the transferee is entered in the register of members in respect thereof.*

Dan huwa in linea mad-dottrina tal-Ligi Inglizi li serviet bhala mudell ghad-dritt socjetarju taghna.

Fis-sentenza fil-kawza "**Herbert Baldacchino noe vs Cecil Pace et pro et noe et**" riportata fil-**Kollez. Vol LXXXI.ii.277** jinghad :-

*Punti saljenti ohra f` din il-materja li tittratta dwar ishma f` socjetajiet Limited Liability Companies huwa illi d-dottrina Anglo-Sassona hija d-dottrina li ghandha tigwida l-interpretazzjoni tal-ligi taghna li hija fil-fatt immodellata fuq il-princiju ta` dik is-sistema legali ;*

*F` dik is-sistema il-pussess li huwa relevanti, vis-à-vis il-kumpannija, huwa dik tal-persuna li tkun giet irregistrata fl-ishma mill-istess socjeta` u minkejja illi shar transfer seta` ta` a beneficial ownership, dan ma kienx sufficjenti. Hekk per ezempju il-Gower -* ***Gower`s Principle of Modern Company Law*** *(Fourth Edition) f` pagna 454 :*

*"... does not become a member or shareholder until the transfer is registered. Moreover it is the policy of our company law that the company shall not be concerned with the beneficial ownership but shall only be bound or entitled to recognize the person whose name is on the register."*

*Fl-istess sens* ***Pennington`s Company Law (Fourth Edition)*** *fil-pagna 296 :*

*"The legal title to the share is vested in the person entitled to it either by allotment by the company or by a transfer from a former holder, but if all the legal rights, in respect of the share are to be enjoed by that person, the company must have registered him as a holder of it in the company`s register of members."*

*Hekk ukoll fit-tieni edizzjoni tal-ktieb* ***Company Law - Questions and Answers – Griffiths & Gregory 2nd Edition****, fejn jghidu :*

*"The key to the system of transferability of shares is the register of members kept by a company. Entry on the register completes the biased item and makes him a member."*

*Jasal ghall-istess konkluzjoni l-Professur Joseph Micallef fil-ktieb tieghu "**The European Company – A Comparative Study with the English & Maltese Law**" ;*

*Jidher ghalhekk, illi huwa pacifiku li fis-sistema legali taghna l-kwistjoni tal-pussess u t-tgawdija ta` dan id-dritt personali ma jappartjenix lil min ghandu ix-share certificate biss f` idejh izda lil min ghandhu share certificate li giet registrata mill-kumpannija.*

**Ghalhekk in vista tal-premess, kif ukoll wara li semghet ix-xiehda tar-Registratur tal-Kumpanniji, u qieset dik id-deposizzjoni, il-Qorti sejra tichad l-ewwel u t-tielet talbiet attrici kif dedotti.**

**Il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis it-tieni talba .**

**Dwar l-ishma ta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited** :-

Minn ezami ta` l-*Interim Report on the Companies Associated with The Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* ghall-perijodu ta` bejn il-25 ta` Novembru 1972 sal-31 ta` Lulju 1988, jirrizulta li l-azzjonisti tas-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited huma Finindustry Limited ; 499 shares ; u Cecil F Pace : 1 share. Dan jaqbel ezatt ma` dak li qed jintalab li jigi dikjarat minn din il-Qorti.

In vista ta` dak li nghad aktar kmieni, fis-sens li dak li huwa rikjest mill-Kap 168 huwa li t-trasferiment jkun tnizzel fir-registru tal-membri, jidher li l-ewwel talba saret bla bzonn u allura kienet superfluwa, peress illi mill-atti ta` din il-kumpannija, jirrizulta li kienu registrati korrettement l-azzjonisti ta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited.

Ladarba l-kontenut tal-*Interim Report* mhuwiex kontradett fir-rapporti li saru wara u li kienu prezentati fil-kors ta` din il-kawza, u ladarba ma tirrizulta l-ebda oggezzjoni f` dan ir-rigward, kif del resto hekk jidher kemm mir-risposta guramentata u kif ukoll fit-trattazzjoni finali tal-kawza, partikolarment dak rilevat mill-avukat tal-konvenut, il-Qorti mhijiex sejra tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba safejn din tirrigwarda s-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited.

**Dwar l-ishma ta` Tigullio Limited** :-

Mhux l-istess jirrizulta fir-rigward ta` l-kumpannija Tigullio Limited.

Infatti jidher illi skont ir-rapport tal-kontrollur Emanuel Bonello, l-azzjonisti registrati fil-kotba ta` din is-socjeta` kienu : Alpino Restaurants Limited : 499 shares ; u Geoffrey Isaacs : 1 share.

Anke skont id-dikjarazzjoni tal-MFSA bid-data tal-31 ta` Jannar 2008 a fol 212, jidher ukoll illi s-*shareholding* ta` Tigullio Limited huwa : Alpino Restaurants Limited : 499 shares ; u Geoffrey Isaacs : 1 share.

Sabiex ikun trasferiment validu ta` ishma, l-**Art 103 tal-Kap 168** ighid hekk :-

*Kumpannija ma tkunx tista` tirregistra trasferiment ta` azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jekk ma jkunx inghata lill-kumpannija dokument regolari tat-trasferiment jew kopja awtentika tieghu :*

*Izda ebda haga f`dan l-artikolu ma ghandha tippregudika xi setgha tal-kumpannija li tirregistra bhala azzjonista jew detentur ta`obbligazzjonijiet lil xi hadd li lilu d-dritt ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jkun gie trasferit causa mortis.*

Inoltre skont l-**Art 105(1) tal-Kap 168**, kull kumpannija, fi zmien xahrejn wara l-ghoti ta` xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet taghha, u fi zmien xahrejn wara d-data li fiha t-trasferiment ta` dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikun gie prezentat lill-kumpannija, u fi zmien xahar mid-data li fiha xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet bhal dawk trasmessi causa mortis ikunu gew registrati fl-isem tal-persuna li jkollha dritt tkun registrata bhala d-detentrici taghhom, ghandha tikkonsenja c-certifikati tal-azzjonijiet kollha, l-obbligazzjonijiet u c-certifikati ta` kull stock ta` obbligazzjonijiet moghtija, trasferiti jew trasmessi causa mortis lill-persuni li jkollhom jedd ghalihom, jekk il-kondizzjonijiet tal-hrug tal-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ma jahsbux xort`ohra.

Is-*share certificate* huwa biss prova *prima facie* tal-proprjeta` ta` s-*shares.*

Andrew Muscat fil-ktieb "**Principles of Maltese Company Law**" (op. cit.) – pag 818 ighid :-

*Under Maltese law a share certificate is only prima facie evidence of ownership of the shares mentioned therein and does not represent an essential aspect of share transfers. (In English law, a share certificate issued under the company`s seal is prima facie evidence of the named shareholders title to the shares specified in it, but it is not conclusive evidence.) A transfer of shares remains valid even if no share certificate had originally been issued in respect of the shares. And if a share certificate had in fact been so issued, the validity of a share transfer is not affected if the share certificate is not delivered to the transferee or to the company for cancellation. Share certificates are rarely issued in practice.*

Jirrizulta wkoll li sabiex it-trasferiment ikun validu, trid tithallas it-taxxa tal-boll ; u sakemm din tithallas, dak it-trasferiment ma jkunx meqjus validu u effettiv.

Ghalhekk din il-Qorti trid tistharreg jekk mill-provi akkwiziti jirrizultax li kien hemm trasferiment validu ta` ishma li kellu jirrizulta fir-registru ta` Tigullio Limited.

Li kien esebit fejn jirrigwarda Tigullio Limited kien dokument a fol 215 konsistenti minn *share certificate* tas-socjeta` Tigullio Limited mnejn jirrizulta li fit-23 ta` Jannar 1970, Finindustry Limited akkwistat 499 *shares* fis-socjeta` Tigullio Limited.

Mir-rapport tal-kontrollur Emanuel Bonello esebit a fol 213 tal-process, jidher illi :

*1.2. On 25 Novembru 1972, the shareholders of the company were the following :*

*Alpino Restaurant Ltd 499 ordinary shares of Lm1 each 20% paid up*
*Geoffrey Isaacs 1 ordinary share of Lm 1 each 205 paid up.*

*1.3. On 18 September 1972, Alpino Restaurant Ltd had acquired the shareholding shown in para 1.2 from Finindustry Ltd*

Skont l-*Interim Report,* jidher li s-share certificate esebit a fol 215 kien segwit bi trasferiment iehor a favur ta` Alpino Restaurants Limited.

Kienet esebita kopja ta`----- *card index* ta` Tigullio Limited allegatament mizmuma mill-*company secretary* Dr Manoel Mizzi (fol 216). F`dan id-dokument,

jidher illi s-*shareholders* huma 499 *shares* Finindustry Limited u 1 *share* Cecil F. Pace.

Kienet prezentata kopja tal-*balance sheet* fl-*audited accounts* ta` Tigullio Limited ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 1971 (fol 217). Il-*balance sheet* kienet iffirmata mid-diretturi Cecil u Henry Pace. Ghandu jinghad illi din il-*balance sheet* kienet tirrigwarda z-zmien ta` qabel it-18 ta` Settembru 1972, ossija fi zmien meta l-ishma kienu ghadhom fl-isem ta` Finindustry Limited u ma kinux ghadhom gew trasferiti ghal Alpino Restaurants Ltd.

Kienet esebita wkoll kopja tal-*memorandum* u *articles of asssocation* ta` Tigullio Limited datat 19 ta` Settembru 1969 mnejn jirrizulta li dak iz-zmien l-azzjonisti kienu Alpino Restaurants Limited u Geoffrey Isaacs.

Fuq l-iskorta ta` dawn id-dokumenti jirrizulta fil-kaz ta` Tigullio Limited illi :-

i. Settembru 1969 : l-azzjonisti kienu Alpino Restaurants Limited u Geoffrey Isaacs.

ii. Jannar 1970 : Finidustry Limited akkwistat 499 sehem ;

iii. Alpino Restaurants Limited akkwistat 499 sehem minghand Finindustry Limited.

Ma hemm l-ebda prova dokumentarja li tikkonferma illi sar trasferiment ta` ishma kemm fir-rigward ta` l-499 sehem allegatament trasferiti ghal fuq Finindustry Limited u s-sehem allegatament trasferit lil Cecil F. Pace.

Din il-Qorti hija konsapevoli li lanqas ma kienu prezentati d-dokumenti li jikkonfermaw dak li gie dikjarat mill-kontrollur Bonello fl-*interim report.* Fl-istess waqt ma saret l-ebda talba sabiex il-Qorti tippronunzja ruhha dwar il-korrettezza o meno tal-*interim report.*

Kif inghad sabiex setghu jigu registrati t-trasferimenti ta` l-ishma f`isem Finindustry u Cecil Pace, il-kumpannija Tigullio Limited, u fil-procediment tal-lum il-Qorti, kellha tinghata dokument regolari tat-trasferiment ta` l-ishma flimkien ma` l-prova li thallset it-taxxa. Din il-prova ma tirrizultax. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa` t-tieni talba fejn din tirrigwarda Tigullio Limited.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet, billi taqta` u tiddeciedi hekk :-

1. Tichad l-ewwel talba.

2. Riferibbilment ghat-tieni talba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` fejn din it-tieni talba tirrigwarda l-ishma tas-socjeta` Rockyvale Alpino (Malta) Limited.

3. Tichad il-bqija tat-tieni talba safejn din tirrigwarda l-ishma tas-socjeta` Tigullio Limited.

4. Tichad it-tielet talba.

5. Tordna lill-attur proprio et nomine sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Abigail Camilleri**
**Deputat Registratur**